



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 10.7.2013  
COM(2013) 493 final

2013/0232 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-parteciċipazzjoni tal-Unjoni fi Programm ta' Riċerka u Żvilupp imwettaq b'mod  
konġunt minn diversi Stati Membri li għandu l-għan li jappoġġja intrapriżi żgħar u  
medji li jwettqu riċerka**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 242 final}

{SWD(2013) 243 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### 1.1. L-għanijiet tal-proposta

Din il-proposta tikkonċerna l-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea, abbażi tal-Artikolu 185 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), fil-Programm Konġunt Eurostars (Eurostars-2) imwettaq minn diversi Stati Membri bħala segwitu għall-Programm Konġunt Eurostars.

L-oġġettivi globali tal-Eurostars-2 huma:

- tli jippromwovi attivitajiet ta' riċerka transnazzjonali orjentati lejn is-suq fi kwalunkwe mill-oqsma tal-intrapriżi żgħar u medji (SMEs)<sup>1,2</sup>, orjentati lejn ir-riċerka, speċjalment dawk li għandhom esperjenza preċedenti fir-riċerka transnazzjonali, li jwassal għat-tqegħid ta' prodotti, proċessi u servizzi ġodda jew imtejba fuq is-suq;
- li jikkontribwixxi għall-ikkompletar taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) u għaż-żieda fl-aċċessibbiltà, l-effiċjenza u l-effikaċja tal-finanzjamenti pubbliċi għal SMEs li jwettqu r-riċerka fl-Ewropa permezz tal-allinjament, l-armonizzazzjoni u s-sinkronizzazzjoni tal-mekkaniżmi ta' finanzjament nazzjonali.

Il-kompetittività ta' SMEs li jwettqu riċerka se tissaħħaħ u għalhekk se tikkontribwixxi b'mod attiv għat-tkabbir ekonomiku Ewropew u l-ħolqien ta' impjiegi sabiex jinkisbu l-oġġettivi ta' Ewropa 2020.

#### 1.2. Raġunijiet għall-proposta

L-SMEs jiformaw is-sinsla tal-ekonomija Ewropea u għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ħolqien ta' aktar tkabbir u impjiegi fl-Unjoni Ewropea. Madwar l-UE, hemm madwar 20.7 miljun SME li jirrapreżentaw aktar minn 98% tan-negozji kollha fl-UE, li jammontaw għal madwar 58% tal-valur miżjud gross tal-UE<sup>3,4</sup> u jimpjegaw aktar minn 87 miljun persuna (67% tal-impjieg totali, u f'ċertu industriji prinċipali anki daqs 80% tal-impjiegi kollha).

Fost dawk l-SMEs, l-SMEs li jwettqu riċerka innovattiva jiformaw sottogrupp dinamiku ħafna li jista' jikkontribwixxi ħafna għat-tkabbir u l-impjiegi, speċjalment jekk dawn ikunu impenjati f'kollaborazzjoni transnazzjonali fuq ir-R&Ż. Madankollu, numru ta' fallimenti tas-suq jipprevjenu l-SMEs milli jaċċessaw faċilment il-finanzjament privat meħtieġ għar-R&Ż tagħhom; il-programmi tar-R&Ż nazzjonali eżistenti rament jakkomodaw il-

---

<sup>1</sup> SME hija ditta li għandha inqas minn 250 impjegat, tiġġenera introjtu annwali ta' anqas minn EUR 50 miljun u hija indipendenti minn intrapriżi ikbar, skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003. Ara <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2003:124:0036:0041:mt:PDF>.

<sup>2</sup> SME li twettaq riċerka hija SME li tinvesti mill-ġdid tal-anqas 10% tal-introjtu tagħha jew tiddevota tal-anqas 10% tal-ekwivalenti għall-full time tagħha (FTEs) għal attivitajiet ta' riċerka u żvilupp.

<sup>3</sup> Il-Valur Miżjud Gross (GVA) jinkludi d-deprezzament u l-gwadanji għall-ħaddiema, il-kapital u r-riskju intraprenditorjali. Il-GVA huwa dak li jibqa' meta l-ispejjeż intermedji jitnaqqsu mill-bejgħ jew mill-introjtu.

<sup>4</sup> Rapport tal-2012 dwar ir-reviżjoni tal-prestazzjoni tal-SME, Ottubru 2012, [http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/facts-figures-analysis/performance-review/files/supporting-documents/2012/annual-report\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/facts-figures-analysis/performance-review/files/supporting-documents/2012/annual-report_en.pdf).

kollaborazzjonijiet transnazzjonali u mhumiex biżżejjed sinkronizzati u interoperabbli. Barra minn hekk, filwaqt li numru ta' inizjattivi kumplimentari tal-UE jindirizzaw l-SMEs innovattivi (eż. l-istrumenti finanzjarji bħall-Istrument tal-Qsim tar-Riskji) jew l-istrument tal-SME ġdid), programm iddedikat speċifikament għar-R&Ż transnazzjonali minn SMEs intensivi fir-riċerka ma jeżistix fil-livell tal-UE.

Fl-2008, 32<sup>5</sup> pajjiż Ewropew li kienu membri tan-netwerk Eureka<sup>6</sup> ddeċidew li jadottaw approċċ koerenti fil-livell Ewropew fil-qasam tal-SMEs li jwettqu riċerka permezz tal-istabbiliment tal-Programm Konġunt Eurostars. L-għan ta' Eurostars huwa li jappoġġja SMEs li jwettqu riċerka permezz tal-kofinanzjament tar-riċerka transnazzjonali tagħhom orjentata lejn is-suq f'mod minn isfel għal fuq u billi jipprovdihom b'qafas legali u organizzazzjonali.

Skont id-Deċiżjoni<sup>7</sup> tad-9 ta' Lulju 2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Unjoni Ewropea tipparteċipa finanzjarjament fil-Eurostars permezz tal-Artikolu 185 tat-TFUE (ex-Artikolu 169 KE) b'kontribuzzjoni ta' sa terz tal-kontribuzzjonijiet effettivi tal-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi l-oħra parteċipanti, f'limitu massimu ta' EUR 100 miljun, għall-perjodu 2008-2013. Il-Programm Eurostars huwa implimentat permezz ta' struttura ta' implimentazzjoni dedikata, is-Segretarjat tal-Eureka ('l-ESE'), li huwa responsabbli għat-twettiq tal-programm, b'mod partikolari l-organizzazzjoni tas-sejħiet għall-proposti, il-verifika tal-kriterji ta' eliġibbiltà, l-evalwazzjoni bejn il-pari u l-għażla tal-proġetti, il-monitoraġġ tal-proġetti u l-allokazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni.

Evalwazzjoni interim tal-Eurostars<sup>8</sup> twettqet fl-2010 minn Grupp ta' Esperti Indipendenti<sup>9</sup>, li l-Kummissjoni wiegħbet għaliha b'Rapport dwar l-Evalwazzjoni Interim<sup>10</sup>, adottat f'April 2011. Il-Kunsill Kompetittività, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-31 ta' Mejju 2011<sup>11</sup> dwar id-dokumenti msemmija hawn fuq, laqa' l-fehma tal-Grupp li l-Eurostars huwa allinjat sew mal-oġġettivi ta' Ewropa 2020, jikkumplimenta sew l-opportunitajiet offruti mill-SMEs fl-FP7 għall-kooperazzjoni internazzjonali u wera li huwa attraenti għall-grupp ta' mira billi jilħaq b'suċċess l-SMEs Ewropej li jwettqu riċerka. Dan laqa' wkoll ir-rakkomandazzjoni tal-Grupp li Eurostars jitkompla lil hinn mill-2013 u kkommetta ruħu li jikkunsidra l-kontinwazzjoni

---

<sup>5</sup> Eurostars fil-bidu kien jinkludi 26 Stat Membru tal-UE u ħames pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru. Wara li Malta nahaqdet mal-Eurostars f'Ottubru 2010, kienu qed jipparteċipaw l-Istati Membri kollha tal-UE. Il-pajjiżi assoċjati fil-preżent huma sitta: il-Kroazja, l-Iżlanda, l-Iżrael, in-Norveġja, l-Iżvizzera u t-Turkija.

<sup>6</sup> Eureka huwa netwerk intergovermentali Ewropew, stabbilit minn Konferenza tal-Ministri ta' 17-il pajjiż u l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej fl-1985, li għandu l-għan li jappoġġja l-kollaborazzjoni fir-riċerka industrijali. Fil-preżent dan għandu 40 pajjiż membru u jappoġġja wkoll proġetti individwali, gruppi u programm ġeneriku minbarra l-Eurostars.

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni Nru 743/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fi programm ta' riċerka u żvilupp mibdi minn diversi Stati Membri li għandu l-għan li jappoġġja lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp. ĠU L 201, 30.7.2008, p. 58. Ara <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2008:201:0058:0067:MT:PDF>.

<sup>8</sup> Ir-rapport sħiħ: [http://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/archive/fp7-evidence-base/other\\_fp7\\_panel\\_evaluations/eurostars\\_programme\\_interim\\_evaluation.pdf](http://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/archive/fp7-evidence-base/other_fp7_panel_evaluations/eurostars_programme_interim_evaluation.pdf).

<sup>9</sup> Il-Grupp ta' Esperti Indipendenti kien presjedut mis-Sinjura Laperrouze, Membru ta' qabel tal-Parlament Ewropew u Viċi President tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE).

<sup>10</sup> Ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Evalwazzjoni Interim tal-Programm Konġunt Eurostars, Brussell, 8 ta' April 2011, COM(2011) 186. Ara [http://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/archive/other\\_reports\\_studies\\_and\\_documents/communication\\_eurostars.pdf](http://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/archive/other_reports_studies_and_documents/communication_eurostars.pdf).

<sup>11</sup> Ara <http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/11/st11/st11030.en11.pdf>.

tiegħu fil-kuntest globali tal-Qafas Strateġiku Komuni għall-Finanzjament tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-ġejjieni.

Il-Kunsill enfasizza wkoll numru ta' rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-programm fil-ġejjieni, inkluż il-ħtieġa li l-pajjiżi parteċipanti u l-UE jipprovdu biżżejjed fondi għall-finanzjament ta' proġetti għoljin li jissodisfaw il-kriterji massimi ta' Eurostars; il-ħtieġa li jiġu simplifikati u armonizzati aktar il-proċessi ta' implimentazzjoni u r-regoli tal-finanzjament fil-livell nazzjonali sabiex jitjiebu l-effettività u l-effiċjenza ta' Eurostars; u l-ħtieġa li tittejjeb kontinwament il-kwalità tal-evalwazzjonijiet u li jinżammu perjodi qosra sal-kuntratti bħala prijorità.

Fit-22 ta' Ġunju 2012, il-Konferenza Ministerjali tal-Eureka f'Budapest approvat dokument ('Id-Dokument ta' Budapest') li jiddikjara l-interess tal-pajjiżi tal-Eureka li jappoġġjaw is-segwitu tal-Programm Eurostars. Id-dokument ta' Budapest jistabbilixxi viżjoni komuni għal Eurostars-2 u l-bażi biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet imsemmija hawn fuq tal-evalwazzjoni interim. F'Jannar 2013, l-impenn finanzjarju informali indikat mill-maġġoranza tal-pajjiżi ta' Eurostars għall-perjodu 2014-2020 kien jammonta għal kważi tliet darbiet l-impenni tal-pajjiżi għal Eurostars. Id-Dokument ta' Budapest jistieden l-UE tipparteċipa f' Eurostars-2.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Orizzont 2020<sup>12</sup> tinkludi attività ddedikata għal SMEs intensivi fir-riċerka dwar 'Innovazzjoni fl-SMEs', li se tappoġġja l-istadju li jmiss fl-iskema Eurostars implimentata fi sħubija mal-Istati Membri u riorjentata skont dak iddikjarat fl-evalwazzjoni interim tagħha. Dan huwa l-uniku programm taħt Orizzont 2020 iddedikat speċifikament għal SMEs li jwettqu riċerka, miftuħ għal kwalunkwe qasam ta' riċerka u żvilupp, u li għandu impatt addizzjonali fuq l-integrazzjoni ulterjuri tal-programmi ta' riċerka nazzjonali, u għalhekk jikkontribwixxi għall-ikkompletar taż-ŻER. Bl-approċċ tiegħu minn isfel għal fuq u l-aġenda mmexxija min-negozju, Eurostars-2 huwa ppożizzjonat sew taħt il-parti 'Tmexxija Industrijali' u se jikkontribwixxi bil-qawwa sabiex jinkisbu l-oġġettivi tiegħu billi jappoġġja proġetti li għandhom rilevanza diretta għal numru ta' teknoloġiji industrijali ewlenin u abilitanti u jgħin SMEs intensivi fir-riċerka innovattivi biex jiżviluppaw f'kumpaniji ewlenin dinjin.

## **2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

### **2.1. Konsultazzjoni dwar il-futur tal-Programm Konġunt Eurostars**

Numru estensiv ta' konsultazzjonijiet twettqu matul dawn l-aħħar tliet snin fuq Eurostars u l-iżvilupp tiegħu fil-ġejjieni. Dawn koprew il-partijiet kollha interessati interni u esterni. Ġew riċevuti kummenti, fost affarijiet oħra, dwar l-identifikazzjoni tal-problemi u l-ostakli ewlenin, fuq kwistjonijiet marbuta mas-sussidjarjetà u dwar l-għażliet futuri possibbli u l-impatti tagħhom.

Konsultazzjoni pubblika miftuħa seħħet fuq il-miżuri ta' appoġġ għall-SMEs u dwar l-użu tal-Artikolu 185 TFUE bħala parti mill-konsultazzjoni pubblika fuq il-“Green Paper dwar Qafas Strateġiku Komuni għall-Finanzjament tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE”, Kummissjoni Ewropea, Frar-Mejju 2011. Eurostars ġie indirizzat jew imsemmi f'70 minn 849 dokument dwar il-pożizzjoni li wiegħbu għall-Green Paper. Il-fehmiet kienu pożittivi għal aktar minn

---

<sup>12</sup> COM(2011) 811 finali.

80% tal-organizzazzjonijiet li wiegħbu. Il-ftit kummenti kritiċi (10%) kellhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet ta' sinkronizzazzjoni. Kummenti oħra ffukaw fuq il-fatt li l-impenji tal-Istati Membri mhux dejjem kienu onorati, fuq l-armonizzazzjoni tar-regoli tal-finanzjament, fuq il-livell tal-baġit u ż-żmien sal-kuntratt.

Il-konsultazzjoni miftuħa dwar il-Green Paper kienet segwita minn żewġ Workshops miftuħa dwar 'Innovation in Small and Medium Enterprises' ("Innovazzjoni f'Intrapriżi Żgħira u Medji") fi Brussell<sup>13</sup> li involvew 160 parteċipant li jikkonsistu f'esperti fi kwistjonijiet tar-R&Ż kif ukoll tal-SMEs li ġejjin minn assoċjazzjonijiet tal-SMEs u tal-industrija Ewropej u nazzjonali u rappreżentanti minn Stati Membri, korpi governementali u Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tal-SMEs. Id-diskussjonijiet tal-workshop wasslu għal żewġ konklużjonijiet ewlenin fuq il-kamp ta' applikazzjoni ta' Eurostars-2 tal-ġejjieni: l-ewwel nett, Eurostars-2 għandu jkompli bl-istess grupp ta' mira (SMEs li jwettqu riċerka); it-tieni, ma kien hemm l-ebda appoġġ fost il-parteeipanti tal-workshop għall-idea li jitkabbar il-kamp ta' applikazzjoni ta' Eurostars anki għal SMEs li ma jwettqux riċerka minħabba li n-numru u d-daqs tal-programmi nazzjonali li jappoġġjaw tip ieħor ta' SMEs (bħar-riċerka għall-benefiċċju tal-SMEs) ma kienx biżżejjed biex jiffirma massa kritika u biex jiġi stabbilit programm konġunt taħt l-Artikolu 185 TFUE.

Il-benefiċjarji finali potenzjali u attwali tal-proġetti ffinanzjati taħt Eurostars (SMEs u istituti tar-riċerka) u partijiet interessati oħra ġew ikkonsultati wkoll fil-kuntest tal-evalwazzjoni interim mill-Grupp ta' Esperti Indipendenti fl-2010<sup>14</sup>. Il-grupp irrakkomanda li jitkompla l-programm soġġett għat-titjib skont dak indikat fir-rapport.

Il-Kummissjoni ddiskutiet li tkompli tipprovdi appoġġ tal-UE għal Eurostars-2 fi Grupp ta' Tmexxija għall-Valutazzjoni tal-Impatt (IASG) li ġab flimkien dipartimenti differenti tal-Kummissjoni fl-2012. L-IASG ikkontribwixxa għall-ippjanar u l-pjan direzzjonali għall-preparazzjoni tar-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt li jakkompanja din il-proposta, b'referenza speċjali għad-dikjarazzjoni tal-problemi u r-rilevanza tal-Programm Konġunt Eurostars għal politiki oħra tal-UE.

## **2.2. L-opzjonijiet tal-politika**

Ir-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt inkluda l-opzjonijiet li ġejjin:

*Opzjoni 1 — L-opzjoni ta' żamma tal-istatus quo (BAU) (linja ta' referenza)*

Din l-opzjoni tikkorrispondi għall-kontinwazzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars eżistenti matul il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss (2014-2020) bil-format, l-arranġamenti ta' implimentazzjoni u l-baġit globali tiegħu. Il-parteeipazzjoni tal-UE u l-kontribuzzjoni finanzjarja jibqgħu l-istess bħal ta' Eurostars 1 (il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE hija sa €100 miljun taħt l-FP7). Din l-opzjoni hija stabbilita bħala l-linja ta' referenza.

*Opzjoni 2 — L-opzjoni zero (ebda involviment tal-UE f'Eurostars-2)*

Taħt din l-opzjoni il-parteeipazzjoni u l-kontribuzzjoni tal-UE għal Eurostars jitwaqqfu wara t-tmiem tal-fażi ta' finanzjament kurrenti (sal-aħħar ta' 2013). L-Istati Membri jitħallew

---

<sup>13</sup> Ir-rapporti dwar il-Workshops huma ppubblikati fuq l-internet: [http://ec.europa.eu/research/horizon2020/pdf/workshops/innovation\\_in\\_small\\_and\\_medium\\_enterprises/summary\\_reports\\_workshops\\_on\\_21\\_june\\_and\\_12\\_july\\_2011.pdf#view=fit&pagemode=none](http://ec.europa.eu/research/horizon2020/pdf/workshops/innovation_in_small_and_medium_enterprises/summary_reports_workshops_on_21_june_and_12_july_2011.pdf#view=fit&pagemode=none).

<sup>14</sup> Intervisti ma' 37 parteċipant ta' Eurostars, 17-il istituzzjoni nazzjonali tar-R&Ż f'10 pajjiżi u aktar minn 3000 reġistrant fuq is-sit ta' applikazzjoni ta' Eurostars.

jiddeċiedu jekk ikomplux b'Eurostars u sa liema estent ikomplu jsegwu l-integrazzjoni xjentifika, maniġerjali u finanzjarja.

### *Opzjoni 3 — L-opzjoni ta' sħubija rinforzata*

L-opzjoni ta' sħubija rinforzata tfisser li l-Programm Konġunt Eurostars eżistenti jitkompla fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss bħala inizjattiva tal-Artikolu 185 TFUE f'format imtejjeb ibbażat fuq l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-Rapport dwar l-Evalwazzjoni Interim u b'livell imtejjeb ta' integrazzjoni u fuq skala estiża.

Bl-inkoraġġiment qawwi mid-dipartimenti tal-Kummissjoni, il-pajjiżi membri ta' Eureka qablu fuq l-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi f'Eurostars-2 li se jwasslu għal perjodi iqsar sal-kuntratt, aktar standardizzazzjoni tar-regoli u l-proċessi, amministrazzjoni b'inqas heġla ta' riżorsi u sinkronizzazzjoni u integrazzjoni ogħla tal-finanzjament. Sabiex jitjeb il-programm u tingħata għajnuna lil numru akbar ta' SMEs intensivi fir-riċerka b'potenzjal ta' tkabbir, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jżidu b'mod sostanzjali l-volum finanzjarju tal-programm. Dan iwiegħeb għaż-żieda fid-domanda mill-SMEs mill-bidu tal-programm u jirrifletti l-kapaċità ta' assorbiment tal-grupp ta' mira ta' Eurostars. Bħala konsegwenza u sabiex jiġi inċentivizzat u appoġġjat aktar it-titjib imsemmi hawn fuq, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE se tiżdied skont dan.

### **2.3. Ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt ex ante**

Il-valutazzjoni tal-impatt ex ante kkonkludiet li Opzjoni 3 hija l-opzjoni preferuta minħabba l-effettività tagħha fil-kisba tal-oġġettivi, l-effiċjenza tagħha u l-koerenza tagħha fil-kriterji kollha. Din hija appoġġjata bi sħiħ mill-partijiet interessati, minħabba li 99% minn dawk li wiegħbu għall-istħarriġ indirizzat lill-HLRs/NPCs kollha f'Novembru 2012 (28 HLRs tal-Eureka u/jew NPCs minn 22 pajjiż membru tal-Eureka wiegħbu) ikkunsidraw l-opzjoni ta' 'Sħubija rinforzata ġdida' bħala xierqa ħafna u kapaċi li toħloq aktar impatt fit-'titjib tal-kompetittività ta' SMEs li jwettqu R&Z'.

Fi Frar 2012, il-Bord għall-Valutazzjoni tal-Impatt irreda u approva r-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt. Fl-Opinjoni tiegħu dan talab għal titjib fir-rapport, u dawn ingħataw kunsiderazzjoni. B'mod partikolari, ir-rapport issa jispjega b'mod aktar ċar il-kuntest tal-politika, ir-relazzjonijiet ma' inizjattivi oħra tal-UE, il-problemi li fadal u l-miżuri speċifiċi biex dawn jiġu indirizzati u jorbothom aktar mal-opzjonijiet. L-oġġettivi ġew riveduti biex jipprovdu bażi solida għall-kejl tal-progress miksib minn Eurostars. Fl-aħħar nett, il-paragun tal-opzjonijiet f'termini ta' effettività, effiċjenza u koerenza tjieb u l-fehmiet tal-partijiet interessati ġew deskritti aħjar.

## **3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

### **3.1. Bażi legali**

Il-proposta għal Eurostars-2 hija bbażata fuq l-Artikolu 185 tat-TFUE, li jgħid li l-Unjoni tista' tagħmel provvedimenti għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-programmi ta' riċerka u żvilupp imwettqa minn diversi Stati Membri, inkluż il-parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għat-twettiq ta' dawk il-programmi.

Il-Komunikazzjoni<sup>15</sup> dwar Orizzont 2020 tindika li: ‘l-approċċi ta’ sħubija bbażati fuq l-Artikoli 185 u 187 tat-Trattat se jtkomplew ukoll’.

L-Artikolu 20(2)(b) tal-proposta għal Regolament li jstabilixxi Orizzont 2020<sup>16</sup> jelenka numru ta’ kriterji dwar kif is-sħubiji pubbliċi-pubbliċi jiġu identifikati. Eurostars jikkonforma ma’ daww il-kriterji: ‘Id-Dokument ta’ Budapest’ dwar Eurostars-2 approvat mill-pajjiżi kollha ta’ Eureka jipprovdi (a) definizzjoni ċara tal-oġġettivi li jridu jiġu segwiti f’konformità mal-oġġettivi ta’ Orizzont 2020 u oġġettivi ta’ politika usa’ tal-Unjoni indikati fit-Taqsima 1.1, (b) l-impenji finanzjarji tal-pajjiżi parteċipanti, (c) il-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-Unjoni kif imsemmi fit-Taqsima 3.2 u (d) il-massa kritika, fir-rigward tad-daqs u n-numru ta’ programmi nazzjonali involuti.

### **3.2. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità**

Il-prinċipju ta’ sussidjarjetà japplika għaliex il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea. Is-sussidjarjetà hija salvagwardjata billi l-proposta tiġi bbażata fuq l-Artikolu 185 tat-TFUE, li jipprovdi espliċitament għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-programmi ta’ riċerka mwettqa minn diversi Stati Membri, fejn l-aspetti kollha operazzjonali huma implimentati fejn possibbli fil-livell nazzjonali, filwaqt li jiġi żgurat approċċ koerenti fil-livell Ewropew tal-programm konġunt.

L-oġġettivi tal-proposta ma jistgħux jinkisbu b’mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom: il-programmi ta’ riċerka nazzjonali li jappoġġjaw l-SMEs li jwettqu riċerka huma nieqsa mill-interoperabilità u l-kompatibilità u huwa biss numru żgħir ħafna ta’ ċikli tal-programmi nazzjonali li huma sinkronizzati u jużaw evalwazzjoni bejn il-pari internazzjonali konġunta.

Eurostars-2 jirrispetta l-prinċipju ta’ proporzjonalità għaliex l-Istati Membri nfushom se jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni u l-aspetti kollha operazzjonali. Ir-rwol tal-UE huwa limitat għall-provvista ta’ inċentivi għal koordinazzjoni mtejba tal-programmi parteċipanti u armonizzazzjoni tar-regoli u r-regolamenti, għall-benefiċċju tal-SMEs interessati f’attivitajiet ta’ R&Ż transnazzjonali, kif ukoll biex jiżgura s-sinerġija mal-attivitajiet kumplementari rilevanti f’Orizzont 2020.

Il-valur miżjud tal-azzjoni tal-Unjoni huwa sinifikanti għaliex l-involviment tal-UE se jippermetti l-ħolqien ta’ qafas legali ġdid fejn il-finanzjament tal-UE u nazzjonali se jkunu miġbura flimkien taħt strateġija komuni li tistimula proġetti ta’ R&Ż kollaborattivi transnazzjonali mibdija u mmexxija minn SMEs li jwettqu riċerku. L-iggruppjar tar-riżorsi mill-programmi nazzjonali u mill-UE jippermetti li tinkiseb massa kritika li tista’ tindirizza aħjar l-isfidi li jiffaċċjaw l-SMEs li jwettqu riċerka. Dan kieku ma jkunx fattibbli bl-użu tal-istrutturi eżistenti f’Orizzont 2020 u fil-programmi nazzjonali. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tkun ugwali għal terz tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati parteċipanti.

B’mod partikolari, l-istruttura organizzazzjonali proposta żżomm il-piż amministrattiv għall-minimu, billi x-xogħol amministrattiv ewlieni jitwettaq permezz ta’ aġenziji nazzjonali taħt is-superviżjoni u r-responsabbiltà globali tal-istruttura legali komuni identifikata għal dan l-iskop.

---

<sup>15</sup> COM(2011) 808 finali, 30.11.2011.

<sup>16</sup> COM(2011) 809 finali, 30.11.2011.

### **3.3. L-għażla ta' strument**

L-istrument propost huwa Deċiżjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill ibbażata fuq l-Artikolu 185 tat-TFUE.

### **3.4. Derogi mir-Regoli għall-Parteċipazzjoni ta' Orizzont 2020**

Il-proposta tippermetti derogi minn għadd ta' Artikoli, jiġifieri l-Artikolu 14(5) dwar il-verifika tal-kapaċità finanzjarja tal-applikant. L-Artikolu 16(1) fuq ftehimiet ta' għotja, l-Artikolu 19(1), (5) sa (7) dwar l-implimentazzjoni tal-azzjoni, l-Artikoli 22 sa 28 dwar regoli dwar l-iffinanzjar tal-azzjoni. Dawk id-derogi jirriżultaw minn it-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn l-ESE u l-aġenziji nazzjonali ta' finanzjament: l-ESE huwa responsabbli għar-riċeviment, id-distribuzzjoni u l-monitoraġġ tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea mgħoddija lill-benefiċjarji permezz tal-aġenziji ta' finanzjament nazzjonali.

Ir-raġuni prinċipali għal dan hija li l-SMEs, il-grupp fil-mira speċifiku ta' Eurostars-2, f'ċerti każijiet jistgħu jħossuhom aktar komdi regoli magħrufa sew tal-programmi nazzjonali ta' finanzjament milli b'regoli tal-UE. L-ostakoli amministrattivi u legali għall-parteċipazzjoni ta' dawn l-SMEs f'attivitajiet transnazzjonali ta' riċerka u innovazzjoni għalhekk jitnaqqsu bl-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali ta' finanzjament u l-forniment tal-kontribuzzjoni finanzjarju tal-UE u appoġġ pubbliku nazzjonali korrispondenti permezz ta' ftehim tal-għotja waħdieni.

Il-proposta tipprovdi salvagwardji xierqa li jiggwarantixxu rispettu tal-prinċipji ta' trattament indaqs u trasparenza mill-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata meta tipprovdi għajjnuna finanzjarja lill-partijiet terzi, u li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din tagħmel provvediment ukoll għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dettaljati għal dan il-għan fi ftehim li jrid jiġi konkluż bejn l-Unjoni u l-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata, inkluż pressjoni akbar għal armonizzazzjoni u allinjament progressiv mgħaġġel tar-regoli tal-programm nazzjonali.

## **4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva ppreżentata ma' din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji indikattivi. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni, inklużi l-appropriazzjonijiet tal-EFTA, lill-Eurostars-2 għandha tkun ta' EUR 287 miljun fi prezzijiet attwali għat-tul ta' żmien tal-Programm ta' Qafas Orizzont 2020. Il-kontribuzzjonijiet se jkun magħmula mill-għan li ġej<sup>17</sup> taħt il-Parti II "Tmexxija Industrijali"

- "Innovazzjoni fl-SMEs"

Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni u tal-ftehim ta' delega li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni għandhom jiżguraw li l-interessi finanzjarji tal-UE jiġu protetti.

Id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva ppreżentata ma' din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji indikattivi.

---

<sup>17</sup> L-ammont huwa indikattiv u se jiddependi fuq l-ammont finali għad-DĠ RTD taħt l-isfida/tema msemmija hawn fuq.



## **5. ELEMENTI FAKULTATTIVI**

### **5.1. Simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprovi għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (tal-UE jew nazzjonali) u għall-partijiet privati.

B'mod partikolari, ir-riċevituri tal-finanzjament ta' riċerka mill-programm konġunt ġdid se jibbenefikaw minn skema ta' kuntrattar u pagament unika li tuża regoli nazzjonali familjari mingħajr il-ħtieġa ta' rapportar separat rigward il-kontribuzzjoni tal-Unjoni.

L-UE se tittratta direttament mal-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata ta' Eurostars-2, li se tkun responsabbli għall-allokazzjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni.

### **5.2. Il-klawżola ta' valutazzjoni/reviżjoni/sunset**

Il-proposta tinkludi klawżola ta' valutazzjoni għal reviżjoni ta' nofs it-terminu wara tliet snin. Id-dewmien globali se jkun limitat għal seba' snin.

### **5.3. Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jkun estiż għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fi Programm ta' Riċerka u Żvilupp imwettaq b'mod konġunt minn diversi Stati Membri li għandu l-għan li jappoġġja intrapriżi żgħar u medji li jwettqu riċerka**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 188 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislativ lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>18</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha Ewropa 2020 Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv<sup>19</sup> il-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppanti kundizzjonijiet favorevoli għall-investment fl-għarfien u l-innovazzjoni sabiex jinkiseb it-tkabbir bil-għaqal, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni. Kemm il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw din l-istrateġija.
- (2) Orizzont 2020 - Il-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) stabbilit bir-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... 2013<sup>20</sup> (minn hawn 'il quddiem "Programm Qafas ta' Orizzont 2020") għandu l-għan li jikseb impatt akbar fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni billi jikkontribwixxi għat-tiżbiħ tas-sħubiji pubbliċi-pubbliċi, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fi programmi mwettqa minn diversi Stati Membri skont l-Artikolu 185 tat-Trattat.
- (3) Bid-Deċiżjoni Nru 743/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fi programm ta' riċerka u żvilupp mibdi minn diversi Stati Membri li għandu l-għan li jappoġġja l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp<sup>21</sup>, il-Komunità ddeċidiet li tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja lil Eurostars, Programm Konġunt li daħlu għalih l-Istati Membri kollha u ħames pajjiżi parteċipanti fil-qafas tal-Eureka, l-inizjattiva

<sup>18</sup> ĠU C, p. [Opinjoni tal-KESE]

<sup>19</sup> COM(2010)2020 finali tat-3 ta' Marzu tal-2010

<sup>20</sup> ĠU ... [H2020 FP].

<sup>21</sup> ĠU L 201, 30.7.2008, p. 58.

intergovernattiva stabbilita fl-1985 bil-għan li tippromwovi l-kooperazzjoni fir-riċerka industrijali.

- (4) F'April 2012, il-Kummissjoni kkomunikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-Evalwazzjoni interim tal-Programm Konġunt Eurostars<sup>22</sup> li tħejja minn grupp ta' esperti indipendenti sentejn wara l-bidu tal-programm. L-opinjoni ġenerali tal-esperti kienet li l-programm Eurostars jilħaq l-objettivi tiegħu, iżid il-valur tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (minn hawn' il quddiem "SMEs") Ewropej li jwettqu r-riċerka u għandu jitkompla wara l-2013. Saru għadd ta' rakkomandazzjonijiet għal titjib, li prinċipalment jindirizzaw il-ħtieġa ta' aktar integrazzjoni ta' programmi nazzjonali u titjib tal-prestazzjoni operattiva sabiex jintlaħaq żmien iqsar sal kuntratt u aktar trasparenza fil-proċeduri.
- (5) Għandha tapplika d-definizzjoni ta' SME hija stipulata fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar it-tifsira ta' mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju<sup>23</sup>.
- (6) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/.../UE ta'... 2013 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 - il-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)<sup>24</sup>, l-appoġġ jista' jiġi provdut ukoll lil azzjoni msejsa fuq il-Programm Konġunt Eurostars u r-risorientazzjoni tiegħu tul il-linji ddikjarati fl-evalwazzjoni interim tiegħu.
- (7) Il-Programm Eurostars-2 (minn hawn' il quddiem "Eurostars-2"), allinjat mal-Istrateġija Ewropa 2020, hu marbut tal-inizjattiva Ewlenija "Unjoni tal-Innovazzjoni"<sup>25</sup> u "Sħubija Rinfurzata taż-Żona Ewropea tar-Riċerka għall-Eċċellenza u t-Tkabir"<sup>26</sup> u se jkollu l-għan li jappoġġja l-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' riċerka orjentati lejn is-suq billi jikkofinanzja proġetti ta' riċerka tagħhom f'kull qasam. Bħala tali, u flimkien mal-attivitajiet skont il-programm "Teknoloġija Ewlenija u Abilitanti" tal-għan stabbilit fil-Programm ta' Qafas Orizzont 2020, se jikkontribwixxu għall-miri ta' tiswir tal-parti li ttrigwardja t-tmexxija industrijali ta' dak il-programm biex jitħaffef l-iżvilupp tat-teknoloġiji u l-innovazzjonijiet li se jkun l-bażi tan-negozji tal-ġejjieni u li se jgħinu lil SMEs innovattivi Ewropej biex jikbru u jsiru kumpaniji ewlenin fid-dinja. Bħala parti mit-titjib fuq il-programm Eurostars preċedenti, Eurostars-2 għandu jimmira lejn perjodu iqsar ta' żmien sakemm jinħarġu l-għotjiet, integrazzjoni iktar qawwija u sempliċi, u amministrazzjoni trasparenti u aktar effiċjenti għall-benefiċċju finali tal-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' riċerka.
- (8) Il-Konferenza Ministerjali dwar Eureka fit-22 ta' Ġunju 2012 f'Budapest approvat viżjoni strateġika għal Eurostars-2 (minn hawn' il quddiem imsejjaħ "Dokument ta' Budapest"). Il-ministri kkomettew ruħhom li jappoġġjaw il-kontinwazzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars wara t-terminazzjoni tiegħu fl-2013 għall-perjodu kopert mill-Programm ta' Qafas Orizzont 2020. Dan għandu jikkonsisti f'sħubija rinfurzata li tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni interim tal-Programm Konġunt Eurostars. Id-"Dokument ta' Budapest" jistabbilixxi żewġ objettivi ewlenin

---

<sup>22</sup> COM(2011) 186 tat-8 ta' April 2011.

<sup>23</sup> ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

<sup>24</sup> ĠU ... [H2020 SP].

<sup>25</sup> COM(2010) 546 finali ta' 1-6 ta' Ottubru 2010.

<sup>26</sup> COM(2012) 392 finali tat-17 ta' Lulju 2012.

għal Eurostars-2: L-ewwel nett, għan orjentat lejn l-istruttura li jappfondixxi s-sinkronizzazzjoni u l-allinjament tal-programmi nazzjonali ta' riċerka fil-qasam tal-iffinanzjar, li huwa element ċentrali lejn il-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka mill-pajjiżi Membri. It-tieni nett, għan relatat mal-kontenut li jappoġġja l-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' riċerka impenjati f'riċerka transnazzjonali u proġetti ta' innovazzjoni. Id-“Dokument ta' Budapest” jistieden lill-Unjoni Ewropea tipparteċipa fil-programm.

- (9) L-Istati parteċipanti għandhom l-intenzjoni li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' Eurostars-2 matul il-perjodu kopert minn Eurostars-2 (2014-2024).
- (10) Għandu jiġi stabbilit limitu għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal Eurostars-2 għat-tul ta' żmien tal-Programm ta' Qafas Orizzont 2020. Fi ħdan dak il-limitu, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tkun ugwali għal terz tal-kontribuzzjoni tal-Istati Parteċipanti sabiex tiġi żgurata l-massa kritika meħtieġa biex jissodisfaw id-domanda minn proġetti li ħaqqhom appoġġ finanzjarju, biex jinkiseb effetti ta' influwenza qawwija u jiżguraw integrazzjoni iktar b'saħħitha tal-programmi ta' riċerka nazzjonali tal-Istati parteċipanti.
- (11) B'konformità mal-oġġettivi tal-Programm Qafas Orizzont 2020, kwalunkwe Stat Membru u kwalunkwe pajjiż assoċjat mal-Programm Qafas Orizzont 2020 għandu jkun intitolat li jipparteċipa fil-Programm Eurostars-2.
- (12) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun soġġetta għal impenji formali mill-Istati Parteċipanti li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' Eurostars-2 u għat-twettiq ta' dawk l-obbligi. Appoġġ finanzjarju taħt Eurostars-2 għandu jieħu prinċipalment il-forma ta' għotjiet lil proġetti magħżula wara sejħiet għal proposti mnedija taħt Eurostars-2. Sabiex jintlaħqu l-miri ta' Eurostars-2, l-Istati parteċipanti għandhom jiżguraw biżżejjed kontribuzzjoni finanzjarja biex jiffinanzjaw għadd raġonevoli ta' proposti magħżula permezz ta' kull sejħa.
- (13) L-implimentazzjoni konġunta ta' Eurostars-2 teħtieġ struttura ta' implimentazzjoni. L-Istati Parteċipanti ftiehem fuq il-ħatra tas-Segretarjat tal-Eureka (minn hawn 'il quddiem “ESE”) bħala l-istruttura ta' implimentazzjoni għal Eurostars-2. L-ESE hija assoċjazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' qligħ skont il-liġi Belġjana, sa mill-2008, hija responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-Eurostars. Ir-rwol tal-ESE jmur lil hinn mill-implimentazzjoni ta' Eurostars, billi hi fl-istess ħin is-Segretarjat tal-inizjattiva Eureka, b'governanza proprja marbuta mal-ġestjoni tal-proġetti Eureka 'il hinn minn Eurostars. L-Unjoni, rappreżentata mill-Kummissjoni, hija membru fundatur tal-inizjattiva Eureka u membru sħiħ tal-assoċjazzjoni tas-Segretarjat tal-Eureka.
- (14) Sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' Eurostars-2, l-ESE għandha tiegħu ħsieb l-organizzazzjoni tas-sejħiet ta' proposti, il-verifika tal-eliġibbiltà, l-evalwazzjoni bejn il-pari u l-għażla u l-monitoraġġ tal-proġetti kif ukoll l-allokazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni. L-evalwazzjoni tal-proposti għandha ssir b'mod ċentrali minn esperti esterni indipendenti taħt ir-responsabbiltà tal-ESE wara sejħiet għall-proposti. Il-lista ta' klassifikazzjoni tal-proġetti għandha tkun vinkolanti għall-Istati parteċipanti fir-rigward tal-allokazzjoni ta' finanzjament mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni u mill-kontribuzzjoni tal-Istati parteċipanti.
- (15) Kumplessivament, il-programm għandu juri progress ċar lejn aktar allinjament u sinkronizzazzjoni mal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni nazzjonali bħala Programm verament Konġunt li fih sinkronizzazzjoni xjentifika, maniġerjali u finanzjarja aktar b'saħħitha. Integrazzjoni xjentifika aktar b'saħħitha għandha tinkiseb permezz tad-definizzjoni u l-implimentazzjoni komuni ta' attivitajiet u għandha

tiżgura l-eċċellenza u l-impatt għoli tal-proġetti magħżula. L-integrazzjoni ġestjonarja għandha tiżgura iktar titjib operazzjonali ta' eċċellenza u ta' responsabbiltà għall-programm. Integrazzjoni finanzjarja iktar b'saħħitha għandha tkun ibbażata fuq kontribuzzjoni finanzjarji annwali u kumplessiva adegwata mill-Istati Parteċipanti ta' Eurostars-2 u grad għoli ta' sinkronizzazzjoni nazzjonali. Dan għandu jinkiseb permezz ta' armonizzazzjoni progressiva tar-regoli nazzjonali dwar il-finanzjament.

- (16) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun ġestita b'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba u mar-regoli dwar il-ġestjoni indiretta stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-25 ta' Ottubru 2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni<sup>27</sup> u fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>28</sup>.
- (17) Sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandu jkollha d-dritt li tnaqqas, tissospendi jew ittemm il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni jekk Eurostars-2 jiġi implimentat f'mod mhux xieraq, f'mod parzjali jew tard, jew l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwixxux, jew jikkontribwixxu b'mod parzjali jew tard, għall-finanzjament ta' Eurostars-2. Dawk id-drittijiet għandhom jiġu previsti fil-Ftehim tad-delega li għandu jiġi konkluż bejn l-Unjoni u l-ESE.
- (18) Il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati minn Eurostars-2 hija soġġetta għar-Regolament (UE) Nru.../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-... 2013 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)<sup>29</sup>. Madankollu, minħabba bżonnijiet operattivi speċifiċi ta' Eurostars-2 huwa neċessarju li jiġu previsti derogi minn dak ir-Regolament skont l-Artikolu 1(3) ta' dak ir-Regolament [ir-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid f'Orizzont 2020].
- (19) Sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-SMEs li huma aktar imdorrija bil-kanali nazzjonali u li kieku jettqu attivitajiet ta' riċerka biss fil-konfini nazzjonali tagħhom, il-kontribuzzjoni finanzjarja ta' Eurostars-2 għandha tingħata skont regoli magħrufa bħal tal-programmi nazzjonali tagħhom u tiġi implimentata permezz ta' ftehim ta' finanzjament amministrat direttament mill-awtoritajiet nazzjonali, b'rabta flimkien tal-finanzjament tal-Unjoni mal-fondi nazzjonali korrispondenti. Għandha għalhekk issir deroga mill-Artikolu 14(5), l-Artikoli 16(1), 19[(1), (5) sa (7)], 22 sa 28 tar-Regolament (UE) Nru... [Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid f'Orizzont 2020].
- (20) L-awditi tal-benefiċjarji tal-fondi tal-Unjoni pprovduti taħt Eurostars-2 għandhom jitwettqu b'konformità mar-Regolament (UE) Nru.../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-... 2013 [Il-Programm Qafas Orizzont 2020].
- (21) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom ikunu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati matul iċ-ċiklu ta' nfiq, inkluż il-prevenzjoni, l-iskoperta u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa ħażin jew użati b'mod ħażin u, fejn xieraq, pieni amministrattivi u finanzjarji skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

---

<sup>27</sup> ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

<sup>28</sup> ĠU L 362, 31.12.2012, p.1.

<sup>29</sup> ĠU ... [H2020 RfP].

- (22) Il-Kummissjoni għandha twestaq evalwazzjoni interim li tivvaluta b' mod partikolari l-kwalità u l-effiċjenza ta' Eurostars-2 u l-progress lejn l-oġġettivi stabbiliti, kif ukoll evalwazzjoni finali ta' ħejji rapport dwar dawk l-evalwazzjonijiet.
- (23) Fuq talba tal-Kummissjoni, l-ESE u l-Istati parteċipanti għandhom iressqu kwalunkwe informazzjoni li l-Kummissjoni teħtieġ sabiex tinkludi fir-rapporti dwar l-evalwazzjoni ta' Eurostars-2.
- (24) Peress li l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri li tiġi appoġġjata r-riċerka transnazzjonali mwettqa minn SMEs u li tikkontribwixxi għall-integrazzjoni, l-allinjament u s-sinkronizzazzjoni tal-programmi nazzjonali tal-finanzjament tar-riċerka ma jistgħux jinkisbu b' mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħidhom minħabba nuqqas ta' dimensjoni transnazzjonali u ta' komplementarjetà u interoperabilità tal-programmi nazzjonali u għalhekk jistgħu, minħabba l-iskala u l-impatt tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

#### *Suġġett*

*Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regoli dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fit-tieni Programm ta' Riċerka u Żvilupp mniedi b' mod konġunt minn diversi Stati Membri li għandu l-għan li jappoġġja lill-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) (minn hawn' il quddiem "Eurostars-2") u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tagħha.*

### *Artikolu 2*

#### *Definizzjonijiet*

Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw:

- (1) "SMEs" tfisser intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE, fil-verżjoni tagħha tas-6 ta' Mejju 2003.
- (2) "SMEs li jwettqu attivitajiet ta' riċerka" huma SMEs li jinvestu mill-ġdid mill-inqas 10% tal-fatturat tagħhom biex jagħmlu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp jew li jiddedikaw mill-inqas 10% f'ekwivalenti ta' full-time f'attivitajiet ta' riċerka u żvilupp.

### *Artikolu 3*

#### *Objettivi*

Eurostars-2 għandha ssegwi l-oġġettivi li ġejjin:

- (1) jippromwovi l-attivitajiet tar-riċerka li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) l-attivitajiet huma mwettqa bil-kollaborazzjoni transnazzjonali ta' dawk l-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' riċerka bejniethom jew li jinkludu atturi oħra tal-katina tal-innovazzjoni (eż. universitajiet, organizzazzjonijiet ta' riċerka)

- (b) ir-iżultati ta' attivitajiet huma mistennija li jkunu introdotti fis-suq fi żmien sentejn mit-tlestija ta' attivita`
- (2) iżid l-aċċessibilita`, l-effiċjenza u l-effikaċja tal-finanzjament pubbliku għall-SMEs fl-Ewropa, billi jallinja, jarmonizza u jissinkronizza l-mekkaniżmi ta' finanzjament nazzjonali tal-Istati parteċipanti
- (3) jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-SMEs mingħajr esperjenza preċedenti ta' riċerka tranżnazzjonali

#### *Artikolu 4*

##### *Parteċipazzjoni f'Eurostars-2*

1. L-Unjoni għandha tipparteċipa f'Eurostars-2 imwettaq b'mod konġunt mill-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugal, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit kif ukoll l-Islanda, l-Iżrael, in-Norveġja, l-Isvizzera u t-Turkija (minn hawn 'il quddiem 'Stati Parteċipanti'), taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.
2. Kwalunkwe Stat Membru ieħor u kwalunkwe pajjiż ieħor assoċjat ma' Orizzont 2020 — il-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) stabbilit mir-Regolament (UE) Nru.../2013... (minn hawn 'il quddiem "Il-Programm Qafas Orizzont 2020") jistgħu jipparteċipaw f'Eurostars-2 sakemm jissodisfaw il-kundizzjoni stipulata fl-Artikolu 6(1)(c) ta' din id-Deċiżjoni. Dawk l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati li ssodisfaw il-kundizzjoni għandhom jitqiesu bħala Stati Parteċipanti għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 5*

##### *Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni*

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni, inklużi l-appropriazzjonijiet tal-EFTA, lil Eurostars-2 għandha tkun ta' EUR 287 miljun<sup>30</sup>. Il-kontribuzzjoni għandha titħallas mill-appropriazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokat għall-partijiet rilevanti tal-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Programm Qafas Orizzont 2020, stabbilit bid-Deċiżjoni .../2013/UE skont l-Artikolu 58(1)(c)(vi), u l-Artikoli 60 u 61 u tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.
2. Mingħajr ma jinqabeż l-ammont massimu stabbilit fil-paragrafu 1, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tkun ugwali għal terz tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati parteċipanti msemmija fl-Artikolu 7 (1)(a). Din għandha tkopri l-ispejjeż amministrattivi u operazzjonali.
3. Massimu ta' 2% mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tista' tintuża biex tingħata kontribuzzjoni għall-ispejjeż amministrattivi globali ta' Eurostars-2. L-Istati

---

<sup>30</sup> L-ammont huwa indikattiv u se jiddependi fuq l-ammont finali miftiehem għad-DĠ Riċerka u Innovazzjoni għall-għan "Innovazzjoni fl-SMEs" taħt Parti 2 - Tmexxija Industrijali, li se jkun finalment approvat mill-Awtoritá tal-Baġit fil-verżjoni finali tad-dikjarazzjoni finanzjarja u leġiżlattiva.

parteċipanti għandhom ikopri kwalunkwe spiża amministrattiva oħra meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' Eurostars-2.

## *Artikolu 6*

### *Kondizzjonijiet għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni*

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tkun soġġetta għal li ġej:
  - (a) l-Istati parteċipanti juru li waqqfu Eurostars-2 skont l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3;
  - (b) in-nomina mill-Istati parteċipanti jew l-organizzazzjonijiet maħtura mill-Istati parteċipanti, tas-Segretarjat tal-Eureka AISBL (minn hawn 'il quddiem "ESE"), bħala l-istruttura responsabbli għall-implimentazzjoni ta' Eurostars-2 u sabiex tirċievi, talloka u tissorvelja l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni;
  - (c) l-impenn ta' kull Stat parteċipant li jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' Eurostars-2;
  - (d) it-turija permezz tal-ESE tal-kapaċità tagħha li timplimenta Eurostars-2, inkluż, li tirċievi, li tallokaw u li timmonitorja l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, fil-qafas tal-ġestjoni indiretta tal-baġit tal-Unjoni skont l-Artikoli 58, 60 u 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;
  - (e) it-twaqqif ta' mudell ta' governanza għal Eurostars-2 skont l-Anness II.
2. Matul l-implimentazzjoni ta' Eurostars-2, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha wkoll tkun marbuta mal-kundizzjoni li:
  - (a) l-implimentazzjoni mill-ESE tal-għanijiet ta' Eurostars 2 stabbiliti fl-Artikolu 3 u l-attivitajiet stabbiliti fl-Anness I skont ir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni msemmija fl-Artikolu 8; (b) iż-żamma ta' mudell ta' governanza adatt u effiċjenti skont l-Anness II;
  - (c) il-konformità mill-ESE mal-obbligazzjonijiet għar-rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;
  - (d) il-ħlas effettiv mill-Istati parteċipanti tal-kontribuzzjoni finanzjarja lill-parteċipanti kollha biex il-proġetti magħżula għall-finanzjament ta' Eurostars-2 wara s-sejħiet għal proposti mnedija taħt Eurostars-2, sabiex jiġu ssodisfati l-impenji msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1;
  - (e) l-allokazzjoni tal-fondi mill-baġits nazzjonali għal proġetti Eurostars-2 u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont il-listi ta' gradazzjoni tal-proġetti;
  - (f) It-turija ta' progress ċar fl-integrazzjoni xjentifika, maniġerjali u finanzjarja mill-istabiliment ta' miri ta' prestazzjoni operattivi minimi u indizji tal-progress fl-implimentazzjoni ta' Eurostars-2.

## *Artikolu 7*

### *Kontribuzzjoni minn Stati parteċipanti*

1. Il-kontribuzzjoni mill-Istati parteċipanti għandha tikkonsisti fil-kontribuzzjonijiet finanzjarji li ġejjin:



- (a) il-kofinanzjament tal-proġetti Eurostars-2 magħżula, primarjament permezz ta' għotjiet;
  - (b) kontribuzzjoni finanzjarja għall-ispejjeż amministrattivi ta Eurostars-2 mhux koperti mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 5 (3).
2. Kull Stat parteċipanti għandu jaħtar membru NFB sabiex jamministra l-appoġġ finanzjarju lill-parteċipanti nazzjonali Eurostars-2 skont l-Artikolu 8.

#### *Artikolu 8*

##### *Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni*

1. Għall-iskop tar-Regolament (UE) Nru... [Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid f'Orizzont 2020] l-ESE għandu jitqies bħala korp ta' finanzjament.
2. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) Nru... [Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid f'Orizzont 2020], l-ESE għandu jivverifika l-kapaċità finanzjarja tal-applikanti kollha.
3. B'deroga mill-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru... [Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid f'Orizzont 2020], il-ftehimiet ta' għotja mal-benefiċjarji tal-azzjoni indiretta għandhom jiġi ffirmati mill-NFBs ikkonċernati.
4. B'deroga mill-Artikoli 19(1), (5) sa (7) u 22 sa 28 tar-Regolament (UE) Nru... [Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid f'Orizzont 2020], ir-regoli tal-finanzjament tal-programmi nazzjonali parteċipanti għandhom japplikaw għall-għotjiet amministrati mill-NFBs.

#### *Artikolu 9*

##### *Implementazzjoni ta' Eurostars-2*

1. Eurostars-2 għandu jiġi implimentat fuq il-bażi ta' pjanijiet ta' ħidma annwali.
2. Eurostars-2 għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju l-aktar fil-forma ta' għotjiet lill-parteċipanti wara sejħiet għal proposti.

#### *Artikolu 10*

##### *Il-ftehimiet bejn l-Unjoni u l-ESE*

1. Suġġett għal bilanċ pożittiv ta' valutazzjoni *ex-ante* tal-ESE skont l-Artikolu 61(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 966/2012, il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, għandha tikkonkludi ftehim ta' delega u ftehimiet ta' trasferiment annwali ta' fondi mal-ESE.
2. Il-ftehim ta' delega msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun konkluż b'mod konformi mal-Artikoli 58(3), 60 u 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-Artikolu 40 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012. Għandu jstabbilixxi wkoll dan li ġej:
  - (a) ir-rekwiżiti għall-ESE fir-rigward tal-indikaturi tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Anness II tad-Deċiżjoni (UE) Nru ... [Il-Programm Speċifiku li jimplementa il-Programm ta' Qafas Orizzont 2020];

- (b) ir-rekwiżiti tal-kontribut tal-ESE għall-monitoraġġ imsemmi fl-Anness III tad-Deċiżjoni (UE) Nru ... [il-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Programm ta' Qafas Orizzont 2020];
- (c) L-indikaturi ta' prestazzjoni speċifiċi relatati mal-funzjonament tal-ESE;
- (d) ir-rekwiżiti tal-ESE dwar l-għoti tal-informazzjoni fuq l-ispejjeż amministrattivi u ċ-ċifri dettaljati dwar l-implimentazzjoni ta' Eurostars-2;
- (e) l-arranġamenti rigward il-provvista ta' dejta meħtieġa biex jiġi żgurat li l-Kummissjoni tkun kapaċi tilħaq l-obbligi ta' disseminazzjoni u rapportar tagħha;
- (f) l-obbligu tal-ESE li jiffirmaw Ftehimiet Bilaterali mal-NFBs qabel kwalunkwe trasferiment tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, li jistabbilixxu miri ta' prestazzjoni operattivi minimi u indizji tal-progress fl-implimentazzjoni ta' Eurostars-2.

### *Artikolu 11*

#### *Terminazzjoni, tnaqqis jew sospensjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni*

1. Jekk Eurostars-2 ma jiġix implimentat jew jiġi implimentat b'mod inadegwat, parzjalment jew b'mod tardiv, il-Kummissjoni tista' tittermina, tnaqqas proporzjonalment, jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont l-implimentazzjoni attwali ta' Eurostars-2.
2. Jekk l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwixxux, jikkontribwixxu parzjalment jew tard għall-finanzjament ta' Eurostars-2, il-Kummissjoni tista' tittermina, tnaqqas proporzjonalment, jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, wara li tqis l-ammont ta' fondi allokat mill-Istati parteċipanti biex jimplimentaw Eurostars-2.

### *Artikolu 12*

#### *Awditjar ex-post*

1. L-ESE għandu jiżgura li jitwettqu awditi ex-post tan-nefqa fuq azzjonijiet indiretti mill-NFBs rispettivi skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru... [Il-Programm ta' Qafas Orizzont 2020].
2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li twettaq l-awditi msemmija fil-paragrafu 1 hi stess.

### *Artikolu 13*

#### *Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu miżuri xierqa sabiex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, b'verifiki effikaċi u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti li jkunu tħallsu bi żball u, fejn xieraq, b'penalitajiet amministrattivi u finanzjarji effikaċi, proporzjonali u dissważivi.
2. L-ESE għandu jagħti lill-persunal tal-Kummissjoni u persuni oħra awtorizzati minnha, kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri, aċċess għas-siti u l-fondi tiegħu u għall-

informazzjoni kollha, inkluż informazzjoni f'forma elettronika, meħtieġa sabiex iwettqu l-awditi tagħhom.

3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96<sup>31</sup> u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew<sup>32</sup> bil-għan li jstabbilixxi jekk ikunx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim jew deċiżjoni jew kuntratt iffinanzjat taħt din id-Deċiżjoni.
4. Kuntratti, ftehimiet ta' għorja u deċiżjonijiet ta' għotja, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li jagħtu s-setgħa espressament lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-OLAF u lill-ESE biex iwettqu awditi u investigazzjonijiet bħal dawn, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.
5. Fl-implimentazzjoni ta' Eurostars-2, l-istati parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji leġislattivi, regolatorji, amministrattivi u oħrajn biex iħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, billi b'mod partikolari jiżguraw l-irkupru sħiħ ta' kwalunkwe ammonti dovuti lill-Unjoni skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012.

#### *Artikolu 14*

##### *Il-komunikazzjoni tal-informazzjoni*

1. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-ESE għandu jibgħat kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għat-tħejija tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 15.
2. L-Istati parteċipanti għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, permezz tal-ESE, kwalunkwe informazzjoni mitluba mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Qorti tal-Awdituri dwar il-ġestjoni finanzjarja ta' Eurostars-2.
3. Il-Kummissjoni għandha tinkludi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 15.

#### *Artikolu 15*

##### *Evalwazzjoni*

1. Sal-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim ta' Eurostars-2. Il-Kummissjoni għandha ttipprepara rapport dwar dik l-evalwazzjoni li jinkludi konklużjonijiet u osservazzjonijiet mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinbgħat dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-30 ta' Ġunju 2018.
2. Sa tmiem il-partiċipazzjoni tal-Unjoni f'Eurostars-2 iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali ta' Eurostars-2. Il-Kummissjoni għandha ttipprepara rapport dwar dik l-evalwazzjoni li jinkludi r-

---

<sup>31</sup> ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

<sup>32</sup> ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

riżultati ta' dik l-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 16*

*Dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 17*

*Id-destinatarji*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## ANNEX I

### IMPLIMENTAZZJONI

1. L-ESE għandu torganizza sejħiet kontinwament miftuħa għall-proposti b'dati ta' skadenza għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju lil azzjonijiet indiretti.
2. L-applikanti għandhom jissottomettu proposti għall-proġetti lill-ESE bħala punt ta' dħul waħdieni.
3. Wara t-tmiem tas-sejħa għal proposti, għandu jsir kontroll ċentrali għall-eliġibilità mill-ESE fuq il-bażi tal-kriterji ta' eliġibilità mniżżlin fil-pjan ta' ħidma annwali. L-ebda kriterji ta' eliġibilità differenti jew oħrajn ma jistgħu jiġu miżjuda mill-Istati parteċipanti.
4. L-ESE għandu jivverifika l-kapaċità finanzjarja tal-parteċipanti skont regoli komuni, ċari u trasparenti.
5. Il-proposti eliġibbli għall-proġetti għandhom jiġu valutati b'mod ċentrali u kklassifikati minn grupp ta' esperti indipendenti esterni skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru... [Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid f'Orizzont 2020], fuq il-bażi ta' proċeduri trasparenti.
6. L-ESE għandu jipprovdi proċedura ta' reviżjoni tal-evalwazzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru... [Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid f'Orizzont 2020].
7. Il-lista ta' klassifikazzjoni, approvata kollha kemm hi mill-Grupp ta' Livell Għoli ta' Eurostars-2 imsemmija fl-Anness II, għandha tkun vinkolanti għall-allokazzjoni tal-fondi mill-baġits nazzjonali allokati għall-proġetti Eurostars-2.
8. Ladarba din il-lista ta' klassifikazzjoni tkun ġiet approvata, kull Stat parteċipanti għandu jiffinanzja lil dawk il-parteċipanti nazzjonali tiegħu f'dawk il-proġetti magħżula għall-finanzjament permezz tal-Korp Nazzjonali ta' Finanzjament, filwaqt li jagħmel l-isforzi kollha possibbli sabiex jiżgura li l-proġetti kklassifikati bħala l-aqwa 50 u mill-inqas minn 50 sa 75 % tal-proġetti li jisbqu l-limiti jiġu ffinanzjati. Il-kontribuzzjoni finanzjarja lill-parteċipanti f'dawn il-proġetti tiġi kkalkulata skond ir-regoli tal-finanzjament tal-programmi nazzjonali tal-Istat Parteċipanti f'Eurostars-2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi trasferita minn għand dawn għall-NFBs sakemm l-NFBs ikun ħallsu l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom għall-proġetti.
9. Il-parteċipanti eliġibbli kollha ta' proġett magħżul fuq livell ċentrali għandhom ikunu ffinanzjati. L-għoti ta' appoġġ finanzjarju mill-NFBs lill-parteċipanti f'proġetti magħżula ċentralment għandu jkun soġġett għall-prinċipji ta' trattament indaqs, trasparenza u kofinanzjament.
10. L-ESE għandu jkun responsabbli mill-evalwazzjoni tal-proposti, mill-informazzjoni lill-NFBs, mill-koordinazzjoni tal-proċess tas-sinkronizzazzjoni, mill-monitoraġġ ta' proġetti permezz ta' rappurtar tal-proġetti u awditi finanzjarji li jkunu saru mill-NFBs, u r-rappurtar lill-Kummissjoni li jiżgura żmien qasir għall-għotja. Għandu jieħu miżuri xierqa biex jinkoraġġixxi r-rikonoxximent tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni fil-programm Eurostars-2, kemm fil-programm stess kif ukoll fil-proġetti individwali. Għandu jippromwovi viżibilità xierqa għal din il-kontribuzzjoni permezz ta' l-użu tal-logo ta' Orizzont 2020 fil-materjal ippubblikat kollu, inklużi pubblikazzjonijiet stampati u elettroniċi, li jkunu relatati ma' Eurostars-2.

11. L-ESE għandu jikkonkludi l-Ftehimiet Bilaterali ta' Eurostars-2 mal-NFBs. Il-Ftehimiet Bilaterali ta' Eurostars-2 għandhom jistabbilixxu r-responsabbiltajiet tal-partijiet kontraenti skont ir-regoli, l-għanijiet u l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tal-Eurostars-2. Il-Ftehimiet Bilaterali ta' Eurostars-2 għandhom jinkludu r-regoli li jirregolaw it-trasferiment tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni u l-inqas miri operattivi u indizji ta' progress nazzjonali għal aktar integrazzjoni u s-sinkronizzazzjoni tal-programmi nazzjonali, inkluż limitu iqsar li jittieħed sa ma tingħata għotja skont ir-[Regoli għal parteċipazzjoni u][ir-Regolament Finanzjarju]. Dawn il-miri u tragwardi għandhom jiġu maqbula mill-Grupp ta' Livell Għoli tal-Eurostars-2 b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea. Il-firma tal-Ftehim Bilaterali ta' Eurostars-2 u l-konformità mal-miri u t-tragwardi operattivi għandha tkun prekondizzjoni għall-NFBs biex jirċievu l-kontribuzzjoni mill-Unjoni.
12. L-attivitajiet ta' netwerking u skambju ta' prassi tajba għandhom wkoll ikunu organizzata fost l-Istati Parteċipanti sabiex tittejjeg integrazzjoni iktar b'saħħitha fil-livell xjentifika, maniġerjali u finanzjarju.
13. Attivitajiet oħra għandhom jinkludu wkoll l-attivitajiet ta' senserija, ta' promozzjoni tal-programmi u ta' networking ma' partijiet interessati oħra (investituri, fornituri tar-riċerka u l-innovazzjoni, intermedjarji) prinċipalment biex titwessa' l-parteċipazzjoni tal-benefiċjarji f-Istati Parteċipanti kollha u biex l-SMEs bla esperjenza preċedenti jkunu involuti f'proġetti ta' riċerka transnazzjonali.

## ANNEX II

### IL-GOVERNANZA TA' EUROSTARS-2

1. L-ESE għandu jamministra l-Programm Eurostars-2. L-ESE hija assoċjazzjoni internazzjonali mhux għall-profitti stabbilita skont il-liġi Belġjana (Aisbl) fl-1997 mill-pajjiżi tal-EUREKA u mill-Unjoni Ewropea rrappreżentata mill-Kummissjoni.

Il-Kap tal-ESE bħala r-rappreżentant legali tal-ESE għandu jkun inkarigat li jieħu ħsieb l-implimentazzjoni tal-Programm Eurostars-2 permezz ta':

- (a) it-tnejn tal-baġit annwali għas-sejħa, l-organizzazzjoni ċentrali tas-sejħiet konġunti għall-proposti u r-riċeviment tal-proposti bħala punt tad-dħul uniku; l-organizzazzjoni ċentrali tal-eliġibbiltà u tal-evalwazzjoni tal-proposti, skont kriterji ta' eliġibbiltà u evalwazzjoni komuni, l-organizzazzjoni ċentrali tal-għażla tal-proposti li jrid jiġi ffinanzjat, u s-sorveljanza u s-segwitu tal-proġett; ir-riċeviment, l-allokazzjoni u s-sorveljanza tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni;
  - (b) ġbir tal-informazzjoni meħtieġa mill-NFBS għat-trasferiment tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni;
  - (c) il-promozzjoni tal-Programm Eurostars-2;
  - (d) ir-rappurtar lill-HLG Eurostars-2 u lill-Kummissjoni dwar il-Programm Eurostars-2, inkluż dwar il-progress lejn aktar integrazzjoni;
  - (e) l-infurmar tan-netwerk Eureka dwar l-attivitajiet ta' Eurostars-2;
  - (f) l-iffirmar tal-kuntratt ta' delega mal-Kummissjoni, il-ftehmiet bilaterali mal-NFBs u l-kuntratti mal-esperti li jivvalutaw l-applikazzjonijiet Eurostars-2.
  - (g) l-adottar tal-pjan ta' ħidma annwali Eurostars-2 wara l-ftehim minn qabel tal-HGL ta' Eurostars-2 u l-Kummissjoni.
2. L-HLG ta' Eurostars-2, magħmul minn rappreżentanti nazzjonali fil-Grupp ta' Livell Għoli tal-EUREKA tal-Istati Parteċipanti f'Eurostars-2, għandu jissorvelja l-operazzjonijiet tal-ESE dwar Eurostars-2 b'dan li ġej:
    - (a) sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-Programm Eurostars-2;
    - (b) il-ħatra tal-membri tal-Grupp Konsultattiv Eurostars-2 (minn hawn' il quddiem "EAG");
    - (c) l-approvazzjoni ta' pjan ta' ħidma annwali;
    - (d) l-approvazzjoni tal-lista ta' klassifikazzjoni ta' proġetti Eurostars-2 li għandhom ikunu ffinanzjati u t-teħid tad-deċiżjoni tal-għotja.

L-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni, għandha l-istatus ta' osservatur fl-HLG tal-Eurostars-2. Il-Kummissjoni għandha tkun mistiedna biex tipparteċipa f'laqgħat, tirċievi d-dokumenti kollha tal-laqgħat u tkun tista' tiegħu sehem fid-diskussjoni.

Kwalunkwe pajjiż ieħor tal-EUREKA li ma jiħux sehem fil-Programm Eurostars-2 għandu jkollu d-dritt li jibgħat rappreżentanti fil-laqgħat tal-HLG tal-Eurostars-2 bħala osservaturi.

3. L-EAG se jkun magħmul mill-Koordinaturi Nazzjonali tal-Proġett tal-EUREKA (persuni f'aġenzija tal-gvern nazzjonali jew li għandhom x'jaqsmu mal-livell operattiv tal-ġestjoni ta' Eureka/Programm Eurostars u responsabbli mill-promozzjoni tal-Programm Eurostars-2 fil-pajjiżi parteċipanti) mill-pajjiżi parteċipanti. Il-Kummissjoni għandu jkollha d-dritt li tibgħat rappreżentanti fil-laqgħat tal-EAG bħala osservaturi. Il-laqgħat tal-EAG għandhom ikunu ppreseduti mill-ESE.

L-EAG se jagħti pariri lill-ESE kif ukoll lill-HLG ta' Eurostars-2 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' Eurostars-2.

4. L-NFB li għandu jkollha f'idejha l-amministrazzjoni tal-appoġġ finanzjarju lill-parteċipanti nazzjonali.



## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### **1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

- 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva:
- 1.2. Il-qasam/l-oqsma politiku/politiċi kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. Objettivi
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. Durata u impatt finanzjarju
- 1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)

### **2. IL-MIŻURI TA' ĠESTJONI**

- 2.1. Ir-regoli ta' sorveljanza u tar-rappurtar
- 2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

### **3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u tal-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata:

- 3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa:
  - 3.2.1. *Sinteżi tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
  - 3.2.2. *Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
  - 3.2.3. *Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
  - 3.2.4. *Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali*
  - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

#### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva:

Il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fi Programm ta' Riċerka u Żvilupp imwettaq b'mod konġunt minn diversi Stati Membri li għandu l-għan li jappoġġja intrapriżi żgħar u medji li jwettqu riċerka

#### 1.2. Il-qasam/l-oqsma politiku/politiċi kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB<sup>33</sup>

Żvilupp fir-Riċerka u Teknoloġiku:

ORIZZONT 2020 (H2020) — Tmexxija Industrijali— Innovazzjoni fl-SMEs

#### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

- Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**
- Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni ta' tħejjija**<sup>34</sup>
- Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-estensjoni ta' **azzjoni eżistenti**
- Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

#### 1.4. Objettivi

1.4.1. *L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni mmirat(i) mill-proposta/inizjattiva*

L-għan ġenerali ta' din il-proposta leġiżlattiva, hija li tistimula t-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa billi ssaħħa il-kompetittività tal-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) li jwettqu riċerka, u b'hekk tikkontribwixxi għall-Ewropa 2020.

Dan se jjer jintlaħaq billi:

- (1) jiġu promossi l-attivitajiet ta' riċerka transnazzjonali orjentati lejn is-suq, mingħajr restrizzjonijiet tematiċi mill-SMEs li jwettqu riċerka li jwasslu għall-prodott, proċessi u servizzi ġodda u mtejba għas-suq;
- (2) jingħata kontribut għat-tlestija tal-ERA u biex tittejjeb l-aċċessibilità, l-effiċjenza u l-effikaċja tal-finanzjament pubbliku għall-SMEs li jwettqu riċerka fl-Ewropa billi jiġu allinjati, armonizzati u sinkronizzati l-mekkaniżmi nazzjonali għall-finanzjament.

1.4.2. *L-għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi u l-attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernata/ikkonċernati*

Għan speċifiku Nru 3.1 tal-Innovazzjoni fl-Intrapriżi Żgħar u Medji

L-għan speċifiku tal-“Innovazzjoni fl-Intrapriżi Żgħar u Medji” taħt il-prijorità “Tmexxija Industrijali” huwa li jiġi stimulat it-tkabbir permezz ta' żieda fil-livell ta' innovazzjoni fl-SMEs, filwaqt li jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' innovazzjoni differenti tagħhom matul iċ-ċiklu sħiħ ta' innovazzjoni għat-tipi kollha ta' innovazzjonijiet, biex b'hekk jinħolqu SMEs attivi internazzjonalment li jikbru aktar malajr.

<sup>33</sup> ABM: Ġestjoni bbażata fuq l-attività — IIA: Ibbaġittjar Ibbażat fuq l-Attività.

<sup>34</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolment Finanzjarju.

Il-Programm Konġunt tal-Eurostars-2 sejjer jikkombina s-sorsi tal-Unjoni, nazzjonali u privati tal-finanzjament biex tiġi appoġġjata r-riċerka orjentata lejn is-suq, imwettqa fil-proġetti transnazzjonali mmedija u mmexxija mill-SMEs li jwettqu riċerka.

L-għan assoċjat ma' dan l-għan speċifiku huwa l-istabbiliment u t-tħaddim tal-Eurostars-2 bil-proġetti R&Ż immexxija mill-SMEs li jwettqu riċerka bħala l-kontribut ewlieni.

Attività ABM/ABB ikkonċernata: 08 - Riċerka u Innovazzjoni.

#### *1.4.3. Ir-riżultat(i) mistennija u l-impatt*

*Speċifika l-effetti li għandu jkollha l-proposta/inizjattiva fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

Id-ditti li jieħdu sehem fil-proġetti Eurostars għandhom ikunu jistgħu jiżviluppaw prodotti, proċessi u servizzi ġodda, u jsaħħu b'mod sinifikanti l-pożizzjoni kompetittiva tagħhom fis-suq Ewropew u dak globali.

L-impatt mistenni (li bħala medja jibda tliet snin wara t-tmiem tal-proġetti Eurostars) huwa ta' żieda ta' EUR10 M fid-dħul għal kull finanzjament pubbliku ta' EUR1 M, 25 impjeg maħluq għal kull EUR1 M ta' fondi pubbliċi u 3 prodotti, proċessi jew servizzi ġodda jew imtejba fis-suq.

#### *1.4.4. L-indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-implimentazzjoni tas-sorveljanza tal-proposta/inizjattiva.*

L-indikaturi tar-riżultati u l-impatt stabbilit fl-għan speċifiku "Innovazzjoni fl-SMEs" tal-Programm Qafas - Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni huma ssorveljati u rrapportati kull sena mill-istruttura ta' ġestjoni ddedikata lill-Kummissjoni.

L-indikaturi tar-riżultati u l-impatt stabbilit fl-għan speċifiku "Innovazzjoni fl-SMEs" tal-Programm Qafas - Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni huma ssorveljati u rrapportati kull sena mill-istruttura ta' maniġment iddedikata lill-Kummissjoni.

L-indikatur ewlieni huwa s-"Sehem ta' SMEs parteċipanti li jintroduċu innovazzjonijiet li jkunu ġodda għall-kumpanija jew għas-suq, li jkopru l-perjodu tal-proġett flimkien ma' 3 snin". Il-mira hija 50%.

Indikaturi oħra li possibbilment huma aktar iddettalġati u kkumplimentati bil-Ftehim ta' Delega bejn il-Kummissjoni u l-ESE, sejrjn jirreferu għal:

L-investimenti u l-kofinanzjament tal-Programm Konġunt Eurostars mill-Istati parteċipanti; l-effiċjenza tal-Programm (f'termini ta' ħin għar-riżultati tal-evalwazzjoni); il-Progress lejn l-integrazzjoni tal-programmi nazzjonali (inkluż iż-żmien għall-għoti); l-integrazzjoni tal-ġestjoni (inkluż id-dħul fis-seħħ ta' sistema ta' rappurtar unika u evalwazzjoni ċentrali), Integrazzjoni finanzjarja (bl-implimentazzjoni tal-aqwa 50 proġett ta' Eurostars li qatt ġew iffinanzjati u l-vijabbiltà finanzjarja.

### **1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

#### *1.5.1. Ir-rekwiżit(i) li għandu/għandhom jiġi/jiġu sodisfatt(i) fi żmien qasir jew twil*

Eurostars-2 huwa s-segwitu tal-Eurostars implimentat flimkien mal-linji ta' rakkomandazzjonijiet għall-evalwazzjoni interim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni hija meħtieġa għall-istabbiliment u t-tħaddim tal-Eurostars-2 sabiex ikun hemm il-kofinanzjament tal-attivitajiet mal-Istati Parteċipanti. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni sejra b'mod partikolari tintuża biex jiġu kkonfinanzjati l-parteċipanti f'proġetti Eurostars-2 magħżula wara sejħiet miftuħa għall-proposti.

### *1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

L-intervent tal-UE sejjer jikkontribwixxi għall-kontinwazzjoni ta' qafas legali fejn il-fondi tal-UE u dawk nazzjonali jiġu kkombinati taħt strateġija komuni biex jiġu stimolati l-proġetti transnazzjonali kollaborattivi ta' R&Ż u innovazzjoni għall-benefiċċju tal-SMEs li jwettqu r-riċerka. B'mod partikolari, il-parteciċipazzjoni tal-UE sejra taġixxi bħala inċentiv għall-Istati Parteciċipanti fl-Eurostars biex jarmonizzaw u jallinjaw aktar il-programmi nazzjonali (regoli u proċeduri), f'konformità maż-Żona Ewropea tar-Riċerka u sejr in joħlqu inċentivi għal aktar investimenti nazzjonali u industrijali fir-R&Ż u l-innovazzjoni fl-oqsma kollha tal-S&T, u b'hekk jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-UE2020 u għall-benefiċċju finali tal-SMEs li jwettqu riċerka b'potenzjal għoli ta' tkabbir, li jistgħu jsiru l-akbar kumpaniji Ewropej tal-ġejjieni.

### *1.5.3. Il-lezzjonijiet meħuda minn esperjenzi simili fil-passat*

Evalwazzjoni interim imwettqa fl-2010 kkonkludiet li l-Eurostars huwa allinjat sew mal-għanijiet tal-Ewropa 2020, jikkumplementa l-opportunitajiet offruti lis-SMEs fil-FP7 għall-kooperazzjoni transnazzjonali u huwa attraenti għall-grupp fil-mira u għal dawn ir-raġunijiet kien xieraq li tiġi kkunsidrata l-kontinwazzjoni tiegħu lil hinn mill-2013.

Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin għal titjib saru wkoll, jiġifieri l-Istati Parteciċipanti u l-Unjoni biex jipprovdu biżżejjed fondi biex jiffinanzjaw il-massimu mill-aqwa proġetti kklassifikati; biex jiġu ssimplifikati u armonizzati aktar il-proċessi ta' implimentazzjoni u r-regoli ta' finanzjament fil-livell nazzjonali; jew biex tittejjeb il-kwalità tal-evalwazzjoni u biex jinżamm żmien qasir għall-ikkuntrattjar bħala prijorità.

Dawn il-lezzjonijiet tqiesu b'mod sħiħ fit-tfassil tal-Eurostars-2.

### *1.5.4. Il-kompatibbiltà u s-sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa*

L-Orizzont 2020 jara numru ta' strumenti li jappoġġjaw l-SMEs minbarra l-Eurostars-2: l-istrument tal-SME, l-"Aċċess għall-istrumenti finanzjarji" u l-possibbiltà għall-SMEs biex jipparteciċipaw permezz tal-proġetti kollaborattivi l-aktar tradizzjonali.

Eurostars-2 huwa differenti u fl-istess ħin kumplementari għall-inizjattivi msemmija hawn fuq.

Filwaqt li kull wieħed minn dawk l-istrumenti jissodisfa l-bżonnijiet partikolari ta' ċertu tip ta' SMEs, filwaqt li jappoġġjahom fl-istadji ta' żvilupp differenti tal-idea ta' riċerka/negozju taġħhom (preparazzjoni teknoloġika għolja għall-istrumenti tal-SMEs, ħtieġa ta' self/ekwità minflok għotjiet għall-Istrumenti Finanzjarji), madankollu l-ebda wieħed minnhom mhuwa speċifikament ddedikat għall-SMEs li jwettqu riċerka transnazzjonali u ma jikkontribwixxix għall-integrazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-programmi nazzjonali bħalma jagħmel l-Eurostars-2 permezz tal-użu tal-Artikolu 185 tat-TFUE.

## 1.6. Durata u impatt finanzjarju

### Proposta/inizjattiva ta' terminu limitat

- Proposta/inizjattiva b'effett minn 01/01/2014 sa 31/12/2020 għall-appropriazzjoni ta' impenn u mill-2014 sa' l-2024 għal appropriazzjonijiet tal-ħlasijiet
- Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

### Il-proposta/inizjattiva ta' terminu illimitat

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,
- Segwita b'operazzjoni sħiħa.

## 1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)<sup>35</sup>

### Ġestjoni diretta ċentralizzata mill-Kummissjoni

### Ġestjoni indiretta ċentralizzata bid-delega ta' kompiti ta' implimentazzjoni lil:

- aġenziji eżekuttivi
- entitatjiet stabbiliti mill-Komunitajiet<sup>36</sup>
- korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku
- il-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-  
Titolu V tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti  
jaġixxu fis-sens tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

### Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

### Immaniġġjar deċentralizzat ma' pajjiżi terzi

### Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (**għandhom jiġu speċifikati**)

*Jekk huwa indikat aktar minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok aqti d-dettalji fit-taqsimha "Il-kummenti".*

### Kummenti

Il-kontribut finanzjarju tal-UE għall-programm konġunt se jgħid li jgħid lill-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata, li taġixxi f'isem l-Istati Parteċipanti. L-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata se jgħid li jgħid l-Eurostars-2 u tirċievi, talloka u tissorvelja l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni. L-istruttura identifikata mill-Istati Parteċipanti fis-Segretarjat EUREKA. L-istruttura ta' tmexxija hija deskritta f'aktar dettall fl-Anness III tad-Deċiżjoni.

<sup>35</sup> Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fis-sit tal-BudgWeb: [http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag\\_mt.html](http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_mt.html).

<sup>36</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

## **2. IL-MIŻURI TA' ĠESTJONI**

### **2.1. Ir-regoli ta' sorveljanza u tar-rappurtar**

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Skont il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni – Orizzont 2020, l-implimentazzjoni tal-Programm Eurostars-2 hija ssorveljata u rappurtata annwalment mill-istruttura ta' ġestjoni ddedikata lill-Kummissjoni.

Sejra titwettaq evalwazzjoni interim wara tliet snin ta' operat bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Sejra titwettaq evalwazzjoni finali minn esperti esterni fi tmiem il-programm. Il-Kummissjoni sejra tissottometti r-riżultati lill-PE u lill-Kunsill.

### **2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll**

#### *2.2.1. Ir-riskju/riskji identifikat(i)*

1) Ir-riskji ewlenin jikkonċernaw il-kapaċità tal-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata biex timmaniġġja l-kontribuzzjoni tal-baġit tal-Unjoni u s-sorveljanza effettiva tal-aġenziji nazzjonali involuti fl-operat fuq bażi ta' kuljum tal-programm

2) Fir-rigward ta' programmi oħra b'parteċipazzjoni għolja mill-SMEs, hemm riskju ta' possibbiltà ta' telfiet finanzjarji minħabba grupp fil-mira speċifiku tal-Eurostars-2 (SMEs) u l-approċċ ġestjoni indiretta ċentralizzata.

3) It-tielet riskju jikkonċerna l-kapaċità tal-pajjiżi involuti biex jiffinanzjaw b'mod effettiv il-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-programm.

#### *2.2.2. Il-metodu/metodi ta' kontroll previst(i)*

Ir-riskju 1 huwa mmitigat mill-fatt li l-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni, hija membru sħiħ tal-istruttura governattiva tal-Eureka, li tissorvelja l-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata għall-kwistjonijiet tal-Eureka kollha.

Għall-mitigazzjoni tar-riskju 2, kif imsemmi fl-Artikolu 13, fl-implimentazzjoni tal-Programm Eurostars-2, l-Istati Parteċipanti għandhom jieħdu miżuri leġiżlattivi, regolatorji, amministrattivi jew miżuri oħrajn għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-Istati Parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat l-irkupru sħiħ tal-ammonti dovuti lill-Unjoni.

Fir-rigward tar-riskji 1 u 2, ara wkoll il-kapitolu 2.3

F'dak li jikkonċerna r-riskju 3, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni sejra tiġi ttrasferita lill-benefiċjarji permezz tal-aġenziji ta' finanzjament tal-Istati Parteċipanti meta tiġi pprovduta biss prova tal-ħlas effettiv tal-kontribuzzjoni nazzjonali lill-benefiċjarju.

Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni ma tistax jaqbeż terz tal-kontribuzzjoni tal-Istati Parteċipanti u l-appoġġ tal-Unjoni għall-infiq amministrattiv ma jistax jaqbeż 2% tal-kontribuzzjoni kumplessiva tal-Unjoni.

Miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali sejrjn jiġu deċiżi fil-qafas tal-Ftehim ta' Delega bejn l-UE u l-ESE u tal-Ftehmiet Bilaterali bejn l-ESE u l-NFBs.

### 2.2.3. *L-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli u r-rata probabbli ta' nuqqas ta' konformità*

Is-sistema ta' kontroll imwaqqfa għall-implimentazzjoni tal-programm sejra tiġi ddisinjata b'tali mod li tipprovi assigurazzjoni raġonevoli tal-ilħuq ta' ġestjoni xierqa tar-riskji relatati mal-effettività u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, filwaqt li titqies in-natura speċjali tal-Eurostars-2 bħala sħubija pubblika-privata. Is-sistema ta' kontroll għandha ssib bilanċ bejn il-fiduċja u l-kontroll, filwaqt li tqis l-ispejjeż amministrattivi u spejjeż oħrajn tal-kontrolli fil-livelli kollha, speċjalment għall-parteċipanti, sabiex tkun tista' tikkontribwixxi aħjar biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Programm ta' Qafas Orizzont 2020.

### **2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet**

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.*

Artikolu 6 tad-Deċiżjoni li jstabilixxi l-EUROSTARS-2 jiddikjara li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni hija kondizzjonali sakemm tintlaħaq konformità mill-ESE mar-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. Skont l-Artikolu 11, il-Kummissjoni tista' ttemm, tnaqqas jew tissospendi l-kontribuzzjoni tagħha.

Il-ftehim ta' delega li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-ESE f'konformità mal-Artikolu 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 sejjer jipprevedi li l-Kummissjoni tissorvelja l-attivitajiet tal-ESE, b'mod partikolari billi jitwettqu verifiki.

### 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

#### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u tal-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata:

– L-intestaturi baġitjarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-intestaturi baġitjarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	L-intestatura baġitjarja	Tip ta' nefqa	Il-kontribuzzjoni			
		Numru 08 02 02 03 Żieda fl-innovazzjoni f'impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).	Diff./mhux-diff. (37)	minn pajjiżi tal-EFTA <sup>38</sup>	mill-pajjiżi kandidati <sup>39</sup>	minn pajjiżi terzi
1A		Diff./mhux diff.	IVA	IVA	IVA	IVA

<sup>37</sup> Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

<sup>38</sup> EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles. .

<sup>39</sup> Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.



### 3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa:

#### 3.2.1. Sinteżi tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali</b>	Numru	Intestatura: 1a - Kompetittività għat- <b>tkabbir</b> u l-impjiegi
---	-------	--

DĠ: RTD			Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	Sena 2021-2024	TOTALI
---------	--	--	-----------	-----------	-----------	-----------	-----------	-----------	-----------	----------------	--------

• Approprjazzjonijiet operattivi

Numru tal-intestatura baġitjarja: 08 02 02 03	Impenji	(1)	33,500	35,000	38,000	41,000	43,000	46,000	50,500		287,000 <sup>40</sup>
	Pagamenti	(2)	4,000	28,000	30,000	32,000	34,000	36,000	40,000	83,000	287,000
Numru tal-intestatura tal-baġit	Impenji	(1a)									
	Pagamenti	(2a)									

L-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi<sup>41</sup>

Numru tal-intestatura tal-baġit		(3)	0,337	0,344	0,351	0,358	0,365	0,372	0,380		2,505
<b>approprjazzjonijiet TOTALI għal DĠ RTD</b>	Impenji	=1+1a+3	33,837	35,344	38,351	41,358	43,365	46,372	50,880		289,505
	Pagamenti	=2+2a+3	4,337	28,344	30,351	32,358	34,365	36,372	40,380	83,000	289,505

<sup>40</sup> L-ammonti huma suġġetti għal ftehim dwar l-ipprogrammar finanzjarju għal-linja baġitarja 08 02 02 03.

<sup>41</sup> Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ lejn l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu intestaturi "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operattivi	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-qafas finanzjarju għal programmi speċifiċi		(6)								
<b>appropriazzjonijiet TOTALI skont l-INTESTATURA &lt;...&gt; tal-qafas finanzjarju multiannwali</b>	Impenji	=4+ 6								
	Pagamenti	=5+ 6								

**Jekk iżjed minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta / inizjattiva:**

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operattivi	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-qafas finanzjarju għal programmi speċifiċi		(6)								
<b>appropriazzjonijiet TOTALI skont l-INTESTATURI minn 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju multiannwali (Ammont referenzjarju)</b>	Impenji	=4+ 6								
	Pagamenti	=5+ 6								

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali</b>	<b>5</b>	'In-nefqa amministrattiva'
---	----------	----------------------------

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

		Sena 2014	Sena 2014	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	2021 – 2024	TOTAL I
DĠ: RTD										
• Riżorsi umani										
• Nefqa amministrattiva oħra										
<b>TOTAL DĠ RTD</b>	Approprjazzjonijiet									

<b>approprjazzjonijiet TOTALI għall-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali</b>	(Impenji totali = Pagamenti totali)									
--	-------------------------------------	--	--	--	--	--	--	--	--	--

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

		2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	2021 – 2024	TOTALI
<b>approprjazzjonijiet TOTALI skont I-INTESTATURI minn 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali</b>	Impenji	33,837	35,344	38,351	41,358	43,365	46,372	<b>50,880</b>		<b>289,505</b>
	Pagamenti	4,337	28,344	30,351	32,358	34,365	36,372	<b>40,380</b>	<b>83,000</b>	<b>289,505</b>

3.2.2. *Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*

- Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' appropriazzjonijiet operattivi.
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet ta' impenn f'EUR miljuni (sa tliet postijiet deċimali)

L-għanijiet u l-eżiti indikattivi ↓			Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	TOTALI								
	Tip	Spiża medja	Numru	Spiża	Numru	Spiża	Numru	Spiża	Numru	Spiża	Numru totali	Spiża Totali***						
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1																		
- Eżitu (**)	Proġetti tar-	0,56	180	100,700	205,000	114,800	240	134,600	275	154,400	325	181,600	375	209,800	450	252,100	2050	<b>1.148,000</b>
- Eżitu																		
- Eżitu																		
Is-subtotal għall-għan speċifiku Nru 1																		
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2...																		
- Eżitu																		
Is-subtotal għall-għan speċifiku Nru 2																		
<b>L-ISPIŻA TOTALI</b>			180	100,700	205	114,800	240	134,600	275	154,400	325	181,600	375	209,800	450	252,100	2050	1.148,000

\* Sehem ta' kontribuzzjoni tal-UE jista' jintuża biex ikopri l-ispejjeż amministrattivi tal-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni, b'limitu ta' 2% kontribuzzjoni MEU

\*\* Spiża medja ta' EUR 1.4 M hija preżunta għall-proġetti tal-Eurostars b'rata medja ta' kofinanzjament pubbliku ta' 40 %. B'finanzjament pubbliku ta' EUR 0,56 M għal kull proġett, u b'baġit globali għall-programm ta' EUR 1148 M (EUR 861 M mill-pajjiżi parteċipanti fl-Eurostars-2 + EUR 287 M mill-kontribuzzjoni tal-UE), jistgħu jiġu ffinanzjati madwar 2050 proġett

\*\*\* il-kontribuzzjoni tal-UE lejn l-ispejjeż totali ma għandhiex taqbeż EUR 287 miljun.

### 3.2.3. Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

#### 3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

	Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020
--	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

<b>INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali</b>							
Riżorsi umani							
Nefqa amministrattiva oħra							
<b>Subtotali INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali</b>							

<b>Barra mill- INTESTATURA 5<sup>42</sup> tal- qafas finanzjarju multiannwali</b>							
Riżorsi umani	0,337	0,344	0,351	0,358	0,365	0,372	<b>0,380</b>
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva							
<b>Subtotali barra mill- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali</b>							

<b>TOTALI</b>	0,337	0,344	0,351	0,358	0,365	0,372	0,380
---------------	-------	-------	-------	-------	-------	-------	-------

<sup>42</sup>

Għajnnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'apport lejn l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu intestaturi "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

L-appropriazzjonijiet amministrattivi meħtieġa sejin jiġu sodisfatti mill-appropriazzjonijiet tal-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġew riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni taħt il-proċedura ta'allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

### 3.2.3.2. Ir-reqwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta / l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full time*

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020
<b>• Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)</b>							
08 01 01 01 (Il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)							
08 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
08 01 05 01 (Riċerka indiretta)	1.5	1.5	1.5	1.5	1.5	1.5	1.5
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
<b>• Persunal estern (Ekwivalenti ta' unità Full Time: FTE)<sup>43</sup></b>							
08 01 02 01 (AK, INT, SNE minn 'pakkett globali')							
08 01 02 02 (AK, INT, JED, AL u SNE fid-delegazzjonijiet)							
<b>08 01 04</b> <b>SS<sup>44</sup></b>	- fil-kuartieri ġenerali						
	- fid-delegazzjonijiet						
<b>08 01 05 02 (AK, SNE, INT — Ir-riċerka diretta)</b>	2	2	2	2	2	2	2
10 01 05 02 (AK, SNE, INT — Ir-riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
<b>TOTALI</b>	3.5	3.5	3.5	3.5	3.5	3.5	3.5

huwa l-qasam tal-politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jingħad sodisfatti mill-persunal mid-DĠ li diġà huwa assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni taħt il-proċedura ta' allokkazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju:	Parteċipazzjoni f'laqgħat tal-korp ta' governanza tal-Eurostars 2 li jseħħu fil-bini tas-Segretarjat tal-Eureka (bħala medja, kull korp jiltaqa' darba kull xahrejn) L-approvazzjoni ta' pjan ta' ħidma annwali Monitoraġġ tal-implimentazzjoni fuq il-bażi tar-rapporti annwali Koordinament tal-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u finali u t-twejġija tat-tweġiba tal-Kummissjoni għal dawk l-evalwazzjonijiet fil-forma ta' rapport tal-Kummissjoni li għandu jiġi trażmess lill-Parlament u lill-Kunsill (1.5 uffiċjal)
Il-persunal estern	Appoġġ għat-twejġija ta' ftehim ta' delega mad-DIS Twejġija ta' deċiżjoni finanzjarja annwali u l-pagamenti relatati

<sup>43</sup> AK= Aġent Kuntrattwali; AL = Aġent Lokali; SNE = Espert Nazzjonali Ssekondar; INT = persunal tal-aġenzija ("Intérimaire"); JED= "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żgħażaġħ fid-Delegazzjonijiet); .

<sup>44</sup> Sublimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operattivi (dawk li kienu intestaturi "BA).



	Appoġġ amministrativ (2 AK)
--	--------------------------------

### 3.2.4. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali

- Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.
- Il-proposta / inizjattiva sejra tinvolvi r-riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

Spjega x'riprogrammazzjoni hija meħtieġa, billi tispeċifika l-intestaturi baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrumenti ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali<sup>45</sup>.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-intestaturi baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

### 3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

- Il-proposta/inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.
- Il-proposta/inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet f'EUR miljuni (sa tliet postijiet deċimali)

	Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	Totali F'Mill EUR
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament : L-Istati Membri <sup>46</sup>	67,200	79,800	96,600	113,400	138,600	163,800	201,600	861,000
TOTAL tal-approprijazzjonijiet kofinanzjati	67,200	79,800	96,600	113,400	138,600	163,800	201,600	861,000

#### Dettalji tal-kofinanzjament

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-ispejjeż tal-operat (minbarra l-ispejjeż ta' evalwazzjoni) tal-Programm Eurostars 2 se tkun ta' massimu ta' 2% tal-kontribuzzjoni finanzjarja kumplessiva tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tkun ugwali għal terz tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati parteċipanti, iżda fi kwalunkwe każ ma għandhiex teċċedi EUR 287 M.

Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fil-proġetti R&D magħżula wara li jkunu saru Sejħiet għal Proposti mnedija mill-Programm għandhom jiffinanzjaw dawn il-proġetti. Dawn il-kofinanzjamenti mistennija li jammontaw għal medja ta' 60% tal-fondi pubbliċi rċevuti (iżda dan ivarja fost l-Istati Parteċipanti).

<sup>45</sup> Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

<sup>46</sup> Il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Isvezja kif ukoll l-Islanda, l-Iżrael, in-Norveġja, l-Isvizzera u t-Turkija.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
  - fuq ir-riżorsi proprji
  - fuq dħul mixxellanju